MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 21/2013

**John Tanti**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fl-4 ta' Marzu 2013 permezz ta' liem ir-rikorrenti John Tanti ppremetta illi:

(i) huwa gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali "*talli fis-16 ta' Jannar 2009, f'Deja Co. Ltd, Demajo House, 103, Triq l-Arcisqof, Valletta, fuq talba tal-Employment and Training Corporation, talli fil-kapacita tieghu bhala direttur tas-socjeta Deja Company Limited fis-16 ta' Jannar 2009 u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Ayhan Ciplak ta' nazzjonalita' barranija u dan ai termini ta' l-Artikoli Att XXVIII ta' l-1990 Art 3(a), 4 tal-AL. 110/93 Art 10 tal-AL 110/93*";

(ii) illi b'sentenza moghtija fl-14 ta' Dicembru 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 3(a), 4, 7, u 10 tal-Avviz Legali 110/93, sabet lill-esponenti hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' €1,132;

(iii) huwa hass ruhu aggravat minn dik is-sentenza u interpona appell minnha u fost numru ta' aggravji ressaq l-aggravju li la huwa u lanqas il-kumpanija Deja Company Limited m'ghandhom u qatt ma kellhom xi hanut jew negozju iehor f'Deja Co Ltd, Demajo House, 103, Triq l-Arcisqof, Valletta fejn allegatament sehh l-incident skond l-akkuza bil-konsegwenza li l-akkuza kif dedotta ma rrizultatx mill-provi u ghalhekk l-esponenti kellu jigi liberat;

(iv) illi permezz ta' sentenza moghtija fl-24 ta' Jannar 2013 il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell tieghu u kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Dicembru 2010; illi minn qari tas-sentenza appellata ghandu jirrizulta car illi l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset ghal kollox milli tiehu konsiderazzjoni u tqis it-tieni

aggravju dedott mill-esponenti fir-rikors tal-appell tieghu u cioe' illi l-fatt kif ipotizzat fl-akkuza ma rrizultax mill-provi;

(v) illi mill-korp tal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta car li ghalkemm l-aggravju in kwistjoni jinstab elenkat fil-parti fejn gew riepilogati l-aggravji tieghu, ma' hemm l-ebda referenza ulterjuri ghal dan l-aggravju fil-bqija tas-sentenza. Min-naha l-ohra, l-aggravji l-ohrajn kollha gew kkunsidrati u mwarrbin abbazi ta' ragunijet u mottivi li jinstabu espressi kjarament fl-istess sentenza. Dan ma kienx il-kaz ukoll fir-rigward tat-tieni aggravju, ghaliex kif espost, wiehed lanqas ma jsib konsiderazzjoni wahda dwaru;

(vi) illi b'konsegwenza ta' dan, l-esponenti sofra vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, kif tutelat mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dana stante li aggravju li gie minnu dedott debitament fl-ahhhar istanza tas-smiegh tal-kawza tieghu, gie injorat u ma giex ikkunsidrat;

(vii) illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija fis-sens illi s-sottomissjoni, eccezzjoni jew aggravju ghandu jigu kkunsidrat u r-ragunijiet ghalfejn tali sottomissjoni, eccezzjoni jew aggravju jkunu gew imwarrbin jew akkolti jridu jkunu espressi fid-decizjoni, salv ghal dawk s-sottomissjonijiet, eccezzjonijiet jew aggravji li jkunu manifestament infondati;

(viii) illi dak li huwa mehtieg allura huwa illi l-aggravju li jkun gie injorat ma jkunx wiehed manifestament infondat;

(ix) illi l-aggravju li gie debitament dedott mill-esponenti izda mhux ikkunsidrat mill-Qorti tal-Appell Kriminali kjarament mhuwiex wiehed manifestament infondat, u b'konsegwenza tal-premess id-dritt fondamentiali tieghu ghal smiegh xieraq u ghal access ghal Qorti gie lez;

(x) Talab ghalhekk dikjarazzjoni li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Maggur John Chalker) vs John Tanti" tivvjola d-drittijiet fondamentali tieghu kif tutelat mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; u taghti dawk l-ordnijiet, provvediment u dikjarazzjonijiet kollha opportuni sabiex l-esponenti jinghata rimedju xieraq u adegwat ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali mgarrba minnu, bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni;

Rat id-digriet taghha permezz ta' liem, fuq talba tar-rikorrenti, ordnat illi pendenti l-ezitu definittiv ta' din il-kawza l-obbligu impost fuq ir-rikorrenti permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' Jannar 2013 ghal-hlas ta' multa hemm komminata kontra r-rikorrenti odjern jigi sospiz;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tas-26 ta' Marzu 2013 permezz ta' liem l-intimat irrespinga l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fosthom:-

(i) Illi fl-ewwel lok, kif jirrizulta mill-korp tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali in dezamina, il-Qorti rat l-akkuza dedotta kontra r-rikorrent odjern, rat is-sentenza appellata, rat ir-rikors tal-appell, fliet l-atti kollha processwali, rat il-fedina penali tal-appellant, u rat l-aggravji tieghu. Kien biss wara li ezaminat dan kollu li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet dettaljati taghha biex waslet ghad-decizjoni finali. Dan kollu juri li l-gudikant sedenti qabel ta s-sentenza analizza u kkunsidra dak kollu li kellu quddiemu kif prezentat u sottomess mill-partijiet;

(ii) Illi l-fatt biss li l-Qorti tal-Appell Kriminali setghet ma ghamlitx referenza specifika ghal kull aggravju imressaq quddiemha ma jammontax ghal xi nuqqas tal-Qorti tal-

Appell Kriminali u wisq anqas jinghad li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

(iii) Illi kif anke konstatat fil-gurisprudenza dak li huwa mehtieg huwa li l-partijiet ikunu f'posizzjoni li jaghrfu r-raguni li wasslet biex it-talbiet/l-eccezzjonijiet/l-aggravji taghhom ikunu qed jigu akkolti jew respinti;

(iv) Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienitx tenuta taghmel riferenza u taghti spjegazzjonijiet fuq kull aggravju tieghu u fil-kaz odjern il-Qorti tal-Appell Kriminali ssenjalat u indikat dak kollu li kien relevanti biex eventwalment wasslet biex taghti l-gudizzju taghha fuq l-aggravji imressqa quddiemha;

(v) Illi fid-dawl tas-suespost ma giex negat lir-rikorrent ebda dritt ta' access ghall-Qorti jew dritt ta' smiegh xieraq a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, li ma kellu ebda impediment biex huwa jressaq l-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; dik il-Qorti kienet indipendenti u mparzjali u semghet il-kaz tieghu fi zmien ragjonevoli; ir-rikorrenti kien debitament rapprezentat mill-konsulent legali tieghu; huwa ressaq u ttratta l-aggravju u s-sottomissjonijiet kollha li dehrulu xierqa sabiex jissostanzja l-lanjanzi tieghu quddiem l-Appell; il-Qorti tal-Appell ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-aggravji kollha u tat decizjoni ben sostanzjata u motivata;

Rat l-atti kollha inkluz dawk tal-proceduri kriminali li dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qieghed jilmenta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Jannar 2013 u dana stante li skont l-istess rikorrenti, is-sentenza hija leziva tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq in kwantu jallega li dik il-Qorti naqset li tikkunsidra wiehed mill-aggravji dedotti minnu fir-rikors tal-appell tieghu.

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> *"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi."*

Ghalkemm mhux espressament stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, id-dritt ghal sentenza motivata huwa inerenti ghad-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 6 surriferit. Maghdud ma' dan hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jinkludu l-obbligu tal-Qrati li jaghti motivazzjoni sufficjenti ghad-decizjonjiet taghhom. Decizjoni motivata turi lill-partijiet li l-kaz taghhom gie verament mismugh u trattat.

Il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu tirrifletti:-

> *"a principle linked to the proper administration of justice, judgement of courts and tribunals should adequately state the reasons on which they are based."*

Pero,

> "*the extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case*".
>
> (Eur. Court. HR, ***Garcia Ruiz v. Spain***, decizjoni tal-21 ta' Jannar 1999, Report 1999-I, p.97, para 26), Ruiz Torija v Spain u Hiro Balani v Spain 5 Hum. Rts. Case. Dig 357 (1994) (19 ta' Dicembru 1994).

Ghalhekk huwa necessarju li jittiehed kont, inter alia, tad-diversità tas-sottomissjonijiet maghmula minn litigant, tad-differenzi bejn il-pajjizi dwar disposizzjonijiet statutorji, il-mod ta' kif jigu preparati u abbozzati s-sentenzi (Ruiz Torija v Spain; Hiro Balani v Spain).

Izda meta sottomissjoni ta' parti tkun deciziva ghall-ezitu tal-proceduri, jinhtieg li jkun hemm risposta espressa u specifica (Ruiz Torija v Spain u Hiro Balani v Spain.

Huwa car ghaldaqstant li l-qrati ghandhom iqisu u jittrattaw l-argumenti principali tal-litiganti (Buzescu v Romania; Donadze v Georgia) u fir-rigward ta' ilmenti koncernanti d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti mill-Konvenzjoni u l-Protokolli, il-qrati ghandhom jaghmlu tali ezami b'reqqa partikolari u b'mod akkurat (Wagner and J.M.W.L v Luxembourg no 76240/01).

Inoltre, ghalkemm l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument" (***Garcia Ruiz v. Spain***, para 26, p.98). L-istess gie ritenut fis-sentenza Van de Hurk v. Netherlands (19 t'April 1994); Jahnke and Lenoble v France (29 t' Awwissu 2000) u Perez v France. Konsegwentement, il-Qorti tista' "in dismissing an appeal, … simply endorse the reasons for the lower court's decision".

Fil-kaz ta' Garcia Ruiz, ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li l-Audiencia Provincial ta' Madrid naqas li jaghtih risposta ghall-argumenti mressqa minnu. Il-Qorti Ewropea pero nnotat li r-rikorrenti "had the benefit of adversarial proceedings" u li, f'kull waqt tal-proceduri, "he was able to submit the arguments he considered relevant to this case"; u fir-rigward tas-sentenza tal-Appell tal-Audiencia Provincial, din tal-ahhar "endorsed the statement of the facts and the legal reasoning set out in the judgement at first instance in so far as they did not conflict with its own findings" u, konsegwentement, sabet li r-rikorrenti f'dawk il-proceduri ma setax jargumenta validament "that this judgement lacked reasons, even though in the present case a more substantial statement of reasons might have been desirable".

Inghad fis-sentenzi Burg and Others v France (no. 34763/02, 28 January 2003) u Gorou v. Greece (no. 2) [GC], no. 12686/03, 20 ta' Marzu 2009 li "Article 6(1) does not require an appellate court to give more detailed reasoning when it simply applies a specific legal provision to dismiss an appeal on points of law as having no prospects of success, without further explanation".

Illi dan l-insenjament isib konfort fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta` Gunju 2008 kif konfermata b`sentenza tal-istess Qorti fil-proceduri ta’ ritrattazzjoni decizi fil-31 ta` Ottubru 2008 fil-kawza ***Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija***:

> *“Ghall-fini ta` aktar kjarezza, mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li tghid jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali applikatx il-ligi sewwa ghall-fatti li kellha quddiemha. Propju ghaliex din mhix Qorti del terzo grado. Ir-rwol ta`din il-Qorti huwa li tistharreg jekk it-trattament tar-rikorrent mill-Qorti tal-Appell Kriminali jwassal ghall-accertament ta` ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.*

> *“Fil-kawza* ***“Simon Brincat vs l-Onorevoli Prim Ministru et”*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta’ Gunju 1994 kien affermat li d-dritt ghal smigh xieraq mhux dritt minghajr ebda limitazzjoni imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura. U skartat bhala sorprendenti, disordinata u rragonevoli l-proposizzjoni li d-dritt ta` smigh xieraq m`ghandu jkollu l-ebda limitazzjonijiet ghax tali dritt huwa l-qofol ta` kollox. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ghaliex id-dritt ghal smigh xieraq kif garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni irid jiftiehem fil-kuntest ta` “the rule of law.”*

Ikkunsidrat:

Fid-dawl tal-ilment tar-rikorrenti li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie mittiefes taht l-Artikolu 6 peress li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kkonsidratx aggravju li ressaq fir-rikors tal-appell tieghu u li tratta quddiemha fis-sottomissjonijiet orali, l-iskrutinju li trid taghmel din il-Qorti huwa li taccerta jekk il-lanjanzi tar-rikorrent fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali in kwistjoni jwasslux sabiex jigi stabbilit ksur tad-dritt ghal smigh xieraq kif imhares mill-Konvenzjoni.

Fuq l-iskorta tas-sentenzi precitati, apparti l-fatt li r-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex waslet ghas-sentenza taghha mhux wahedha raguni ghall-invokazzjoni tal-artikolu 6, dak li hu importanti hu illi l-Qorti tat id-dritt lir-rikorrenti ghal smigh pubbliku minn Qorti imparzjali w indipendenti, bi zmien biex jipprepara ruhu, bid-dritt li jkun rapprezentat u li jtella’ l-provi li jidhirlu necessarji ghad-difiza tieghu u bi dritt ta’ sottomissjonijiet finali. Jekk r-rikorrenti ma qabilx mas-sentenza ghar-ragunijiet moghtija, avolja anki jekk ghal grazzja tal-argument ma dahlitx funditus fl-ilmenti kollha sollevati mir-rikorrent, ma jfissirx li gie lez lilu xi dritt ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Kif ighidu l-awturi Jacobs, White & Ovey: “*The Court’s task with regard to a complaint under article 6 is to examine whether the proceedings taken as a whole were fair and complied with the specific safeguards of the Convention. Legal certainty is achieved when the Courts have finally determined an issue. Their ruling should not be called in question. Legal certainty presupposes respect for the principle of res judicata. No one is entitled to seek a review of a final and binding judgement merely for the purpose of obtaining a rehearing of the case*”. Ikomplu li hu importanti hu l-ugwaljanza tal-armi, sentenza regunata “*which is not upset merely because the judgement*

*does not deal specifically with one point considered by the applicant to be material*”.

Fil-mod kif kien meqjus mill-Qorti tal-Appell Kriminali t-tieni aggravju tar-rikorrent din il-Qorti ma ssibx li kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-fatt li fil-korp tas-sentenza ma ssirx riferenza specifika ghal dak it-tieni aggravju izda ssir dik ir-riferenza fid-decizjoni b`ebda mod ma jfisser li l-Qorti tal-Appell ma tat l-ebda widen jew konsiderazzjoni ghal dak li kien qed jinghad mir-rikorrent. Li certament rilevanti huwa l-fatt li dik il-Qorti dehrilha li ma kellhiex tilqa` l-appell tar-rikorrent. Din il-Qorti ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonduciet il-procedura ta` l-appell tar-rikorrent u kif ifformulat is-sentenza taghha bil-motivazzjonijiet hemm imressqa.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa’ r-risposta mressqa mill-intimat.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------